# Rikardu ta' Lavenham

## *Il-kontemplazzjoni u t-tisfija tar-ruħ*

minn P. Glen Attard, O.Carm.

Fra Rikardu twieled f'villaġġ żgħir fin-nofsinhar tal-Ingilterra, Lavenham, qrib Suffolk. Ma nafux ħafna dettalji dwar dan il-*magister*, pereżempju ma nafux eżatt liema sena twieled u miet. Nafu iżda li ssieħeb mal-Ordni Karmelitan f'Ipswich fejn ħa l-formazzjoni Karmelitana tiegħu, u iktar tard intbagħat jistudja fl-Università ta' Oxford minn fejn kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija. Nafu wkoll li fl-1384 sar Pirjol tal-kunvent ta' Bristol, u iktar tard, fl-1399, insibuh Pirjol tal-kunvent ta' Londra fejn possibbilment għadda l-aħħar snin ta' ħajtu. Fra Rikardu kien figura importanti mhux biss għall-Ordni imma wkoll għar-Renju Ingliż. Dan għaliex, fost l-oħrajn, kien il-Konfessur tar-Re Rikardu II u ħabib tal-qalb tal-Arċisqof ta' Canterbury. Fra Rikardu kiteb ħafna, jingħad iktar minn sittin trattat, fosthom dwar filosofija, kożmoloġija, teoloġija, l-istorja, u l-ispiritwalità tal-Ordni tagħna.

Wieħed mit-trattati spiritwali ta' Fra Rikardu jismu *Trattat Żgħir dwar is-Seba' Rjus tad-Dnubiet il-Mejta* fejn jippreżenta d-dinamika tar-ruħ meta din tħalli lilha nnifisha tinġarr mill-istint naturali fiżiku tal-ġisem. Jidher li dan it-trattat żgħir kien popolari ħafna speċjalment mal-Konfessuri bħala għajnuna għall-qrar. Dan għaliex jispjega b'mod ċar, kif jixhed l-istess titlu, id-dnubiet il-mejta u kif dawn jistgħu jidhru fil-penitent b'modi differenti. Jidher li anke xi lajċi kien jinteressahom ħafna minn dan it-trattat peress li nstabu madwar erbatax-il kopja tal-istess trattat, miktuba bl-idejn, f'kotba tat-talb u devozzjonijiet popolari privati.

Ir-Regula Karmelitana titkellem dwar l-armi spiritwali li jeħtiġilha r-ruħ tarma lilha nnifisha bihom jekk trid li tgħix ħajja kontemplattiva. Dan it-test huwa rielaborazzoni ta' din l-istess tema. L-awtur jagħti enfasi partikulari fuq il-waqgħat li fihom nistgħu naqgħu fil-ħajjiet, kif dawn jistgħu jtellfu minn ħajja kontemplattiva, u b'liema virtù tista' r-ruħ tissaffa mit-tinġis tad-dnub u r-rabta fiżika għall-pjaċir tad-dinja. It-test, fil-fatt, nistgħu naqsmuh fi tmien partijiet: l-ewwel parti tintroduċi s-suġġett filwaqt li s-seba' l-oħra huma kollha ddedikati għas-seba' dnubiet il-mejta, jiġifieri l-manifestazzjonijiet tagħhom u l-virtù li tirbaħ fuqhom.

Biex nifhmu aħjar it-test jaqbel li nżommu din il-lista quddiem għajnejna:
il-vizzju tal-kburija jintrebaħ bil-virtù tal-umiltà,
il-vizzju tax-xeħħa jintrebaħ bil-virtù tan-nefqa bil-għaqal u amministrata,
il-vizzju tal-korla jintrebaħ bil-virtù tas-sabar,
il-vizzju tal-għira jintrebaħ bil-virtù tal-imħabba,
il-vizzju tal-għażż jintrebaħ bil-virtù tal-bżulija,
il-vizzju taż-żaqqiqerija jintrebaħ bil-virtù tar-rażan u t-temperanza,
il-vizzju taż-żina jintrebaħ bil-virtù tal-kastità.

Sabiex ir-ruħ tkun tista' tara liema virtù trid teżerċita ruħha fiha, trid l-ewwel taqra s-sinjali fil-ħajja tagħha, jiġifieri, il-ħsibijiet, il-kliem, u l-għemil, u tara fejn jinsabu d-dnubiet tagħha. X'inhuma allura s-sinjali li jagħti Fra Rikardu li minnhom nistgħu naraw minn xiex ir-ruħ tista' tibda tissaffa? Is-sinjali huma dawn: (1) *Kburija*: preżunzjoni, vanaglorja, diżubbidjenza, guffaġni, ipokrisija, għadab, bla mistħija, u ras iebsa. (2) *Xeħħa*: l-idolu tal-flus, ambizzjoni barra minn postha, tregħib, tradiment, użura, simonija, serq, u sakrileġġ. (3) *Korla*: mibegħda, kliem baxx, tpattija, ħruxija, qtil, nuqqas ta' paċenzja, u dagħa. (4) *Għira:* ferħ bix-xorti ħażina tal-oħrajn, qalb sewda bix-xorti tajba, wiċċ b'ieħor, u toħloq l-inkwiet. (5) *Għażż:* kalma żejda, tbahrid, bla

rażan, tidwim, biża', qtigħ ta' qalb, u tedju (6) *Żaqqiqerija:* rgħiba, leblieba, ikel u xorb żejjed, u t-tfittxija tal-eżotiku. (7) *Żina:* fornikazzjoni, adulterju, inċest, stupru, vjolazzjoni, abbuż, tinġis, u masturbazzjoni.

Interessanti ħafna li l-moħħ medjevali kien jispjega din id-dinamika tar-ruħ permezz ta' immaġinijiet sempliċi u tixbihat biex ikun jista' jifhem kemm jista' jkun kulħadd. Fil-fatt, Fra Rikardu jqabbel dawn il-vizzji jew dnubiet ma' seba' annimali. Donnu jrid jinsisti ma' dawk li qed jaqraw dan it-trattat żgħir li l-ġibda naturali tal-bniedem hija tant qawwija li jekk ma nagħmlux l-aħjar li nistgħu biex insaffu 'l ruħna u nħejju lilna nfusna għal-laqgħa intima mal-Mulej fil-kontemplazzjoni, inkunu nħallu l-istint annimalesk, minflok lil Alla, imexxi l-ħajja tagħna. Għalhekk, il-bniedem kburi huwa bħal iljun li jistenna li l-kumplament tal-ħolqien iħares lejh b'qima u biża'. Il-bniedem xħiħ huwa bħal qanfud li jrekken kemm jiflaħ ikel għal meta jkollu bżonn bil-konsegwenza li maż-żmien it-trekkin isir iktar importanti mill-bżonn innifsu. Il-bniedem inkurlat huwa bħal lupu perikoluż u vjolenti li jibqa' jistenna l-ħin adatt biex jivvendika ruħu. Il-bniedem għajjur huwa bħal kelb tal-għassa li jinbaħ għal kull min jgħaddi minn ħdejh anke jekk mhux biex iweġġgħu. Il-bniedem għażżien huwa bħal ħmar li ma jaħdimx jekk mhux imġiegħel. Il-bniedem żaqqieq huwa bħal ors li dejjem f'aptitu u li ta' sikwit narawh ifittex l-ikel, speċjalment dak li l-aktar jogħġbu, l-għasel. Fl-aħħar nett, il-bniedem żieni huwa bħal majjal li jħobb ikun fil-ħmieġ.

Il-filosofija Pagana Griega kienet waslet biex tiddefenixxi lill-bniedem bħala "annimal soċjali" iżda l-fidi Nisranija tara fil-bniedem persuna umana maħluqa fis-sura u x-xbieha t'Alla, iben u bint l-istess Missier li, bil-grazzja tal-magħmudija, isejħilna biex nogħlew 'il fuq minn dak li hu sempliċiment istintiv jew naturali. Minn dinja li tidher, li tiġbdek bil-lussu, il-ġmiel, u l-gosti tagħha, in-Nisrani jidħol f'dinja oħra li ma tidhirx, spiritwali, ta' għaqda intima ma' Alla fil-moħħ, fir-rieda, u fl-istorja konkreta tiegħu. Jekk inħaddnu fina atteġġament kontemplattiv – jiġifieri, attitudni ta' trasformazzjoni –, riżultat ta' dan ikun li ningħataw l-għajnuna li neħtieġu biex insaffu lil ruħna mit-tinġis kollu tagħha; dina tissaffa, tissebbaħ għall-Għarus Divin tagħha.

